## FIL-MEWT TA' NANNTI

*U rasha tbandlet ħlejju,*
*U n-nifs żammilha f'daqqa,*
*Ma triegħdet ebda fibra:*
*Kien ġie l-mistrieħ li ħaqqha!*

*Intemmet l-agunija*
*Tul tmint ijiem imkarkra;*
*Holma ta' tmenin sena*
*Intemmet hekk imfarrka.*

*Wiċċha ħa dawl ta' hena,*
*Ta' rebħa fuq l-uġigħ;*
*Fejn qabel maskra tilheġ*
*Issa mistrieh, mistrieh.*

*Orqod, għażiża, orqod,*
*Spiċċa issa l-hemm u x-xewk;*
*Issa mistrieh u barka*
*U talb minn dawk li bkewk.*

*Jalla l-Missier ta' ġensna,*
*Li jħenn għall-midinbin,*
*Ikollu ħniena minnek*
*U jgħoddok mat-tajbin.*

*Għax hemm l-ogħla ġustizzja,*
*Fis-saltna tas-smewwiet,*
*F'debret il-ħallieq Alla*
*Qalb l-isbaħ dwalijiet!*

VICTOR FENECH